**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1353/2024 JVC**

**Dale John sive Dale Mifsud Magro (K.I. Nru. 0346899M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrent Dale John sive Dale Mifsud Magro talab kif isegwi:

1. ‘Illi l-attur twieled nhar il-ħdax (11) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija disgħa u disgħin (1999) kif jirriżulta mill-att tat-twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni tlieta erbgħa sitta u tmienja tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (3468/1999), kopja ta' liema att tat-twelid hija hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok. A'**;

2. Illi fl-imsemmi ċertifikat, fil-kolonna “Ismijiet mogħtijin - *Names given*” hemm indikat l-ismijiet “**Dale John**, Domenic, Walter” filwaqt li fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih / *bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa - Name or names by which the child is to be called*” hemm indikat l-isem **“Dale John**”;

3. Illi minkejja dan, fir-realta’ l-attur sa min ċkunitu qatt ma ġie msejjaħ bl-isem “Dale John”, iżda kemm mill-membri tal-familja tiegħu u hbieb kif ukoll minn terzi persuni, minn dejjem kien u huwa msejjaħ “Dale” u dana kif jirriżulta mill-annessi stqarrijiet maħlufa ‘**Dok. B**’ sa ‘**Dok. F**’ rispettivament. Dan l-istat ta’ fatt jirriżulta wkoll min dokumenti uffiċjali tal-istess attur ossia l-karta tal-identita’ tiegħu fejn kopja awtentikata qed tiġi hawn annessa u mmarkata bhala ‘**Dok.Ġ**’;

4. Illi b’sostenn għal dak magħdud fil-premess, saħansitra anke fil-ħajja ċivili tiegħu in kwantu għal entitajiet privati kif ukoll governattivi huwa minn dejjem kien magħruf biss bl-isem “Dale” (f’dan is-sens ara ‘**Dok.H**’, ‘**Dok.I1-I6**’, ‘**Dok.J**’ u ‘**Dok.K**’ annessi ma’ dan ir-rikors rispettivament);

5. Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa ċara tal-fatti, qed jigi rilevat li skond l-annotazzjonijiet fuq l-istess att tat-twelid surreferit, jirriżulta illi nhar is-sitta u għoxrin (26) ta’ Jannar

2024, l-attur ai termini tal-Artikolu 4(8) tal-Kodici Civili, Kap XVI tal-Liġijiet ta' Malta żied kunjom xbubit ommu wara ta' missieru u għalhekk illum il-ġurnata kunjomu jaqra "Mifsud Magro" minflok "Magro";

6. Illi għalhekk l-isem "Dale" li bih l-attur huwa magħruf ma jikkombaċix mal-isem riprodott fl- att tat-twelid tiegħu (Iskrizzjoni 3468/1999) u dan qiegħed jikkawża inkonvenjent lill-attur kemm fil-ħajja privata tiegħu kif ukoll f'dik ċivili;

7. Illi peress li jeħtieġ li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-attur sabiex dan ikun jirrifletti r-realta', l-attur kien ippreżenta rikors quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili bin-Numru 700/2024 fejn appuntu talab li jsir il-bdil neċessarju fl-att tat-twelid tiegħu għal l-isem li huwa għandu jissejjaħ;

8. Illi pero' nhar it-2 ta' Lulju 2024 il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili ddeċidiet li mhux kompetenti li tawtorizza tali tibdil (Kopja awtentikata tad-digriet hawn anness u mmarkat bħala **'Dok.L'**);

9. Illi għalhekk proprju għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha s-setgħa u l-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi fuq materji bħal dawn, kellha ssir din il-kawza;

10. Illi fid-dawl tas-suespost, l-attur jixtieq jirregola l-pożiżżjoni tiegħu u jeffetwa t-tibdil neċessarju sabiex l-att tat-twelid tiegħu (iskrizzjoni 3468/1999) jirrifletti l-isem li bih huwa magħruf, u

dan a tenur tal-Artiklu 253(2) tal- Kodici Ċivili, Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant** l-attur, prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' avviż ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap XVI tal-Liġijiet ta' Malta, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara li l-attur kien u għadu konsistentement imsejjaħ u magħruf fil-ħajja ċivili tiegħu bl-isem "Dale" minflok "Dale John" hekk kif jitlob l-Artikolu 253 (2) tal-Kap XVI tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel it-tibdil rikjest fuq l-att tat-twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni (3468/1999) b'mod illi jiġi kkanċellat l-isem "John" taħt il-kolonni "Ismijiet Mogħtija" u "Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ", u jitħalla l-isem "Dale"; u dan abbażi tal-Artikolu 253(2) Kap XVI tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

4. Illi minn dak li jirriżulta jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **3468/1999,** jidher illi l-attur twieled ġewwa Malta nhar il-ħdax (11) t'Ottubru 1999. Skont l-istess Att tat-Twelid, taħt il-kolonna 'Ismijiet moghtija' hemm indikati l-ismijiet 'Dale John, Domenic, Walter' u taħt il-kolonna ntestata 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ' hemm indikati l-ismijiet **'Dale John'**, u dan hekk kif ġie dikjarat minn missier l-attur is-Sur Jonathan (John Anthony) Mifsud meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat. Għaldaqstant ma jistax jingħad illi sar żball mill-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid;

5. Illi għal kull *buon fini* l-esponent jirrileva illi skont l-annotazzjonijiet li saru fuq l-istess Att tat-Twelid, jirriżulta illi nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2024, l-attur issottometta l-Formula TT, sabiex iżid kunjom xbubit ommu wara ta' missieru sabiex kunjomu jiġi jaqra **'Mifsud Magro'** minflok **'Magro'**, *ai termini* tal-Artikolu 4(8) tal-Kodiċi Ċivili;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għat-talbiet magħmula mill-attur, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mil-liġi li l-attur, għal kuntrarju ta' dak li hu mniżżel fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **3468/1999**, huwa verament kien u għadu konsistentement magħruf u msejjaħ bl-isem 'Dale' u mhux bl-isem 'Dale John';

7. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 23 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat illi mill-bosta dokumentazzjoni esebita mar-rikors ġuramentat jirriżulta li r-rikorrent ilu sa minn eta' żgħira magħruf bl-isem ta' 'Dale' u mhux 'Dale John'.

Rat ukoll in-numru ta' affidavits fosthom tar-rikorrent, tan-nanna tiegħu, ta' ommu, tan-nannu u ħbieb tiegħu li kollha kkonfermaw illi r-rikorrent huwa magħruf bl-isem biss ta' 'Dale' u mhux 'Dale John'.

Rat illi effettivament anke nħarġet karta tal-identita' tar-rikorrent bl-isem biss 'Dale'.

Illi in vista ta' dan kollu suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Frar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**

**26 ta’ Frar 2025**